MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1383/2003

**Express Trailers Limited**

**Vs**

**Louis Bartoli & Sons Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ tmint elef, seba’ mija, disgha u sittin liri maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm8,769.32) ghal noll u spejjez ohra relatati ma’ garr ta’ merkanzija li sar mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata mis-socjeta’ attrici diversi drabi anke’ ittri bonarji sabiex thallas l-ammont dovut, ghalkemm ammettiet is-somma dovuta, xorta baqghet inadempjenti;

Illi fil-fehma tas-socjeta’ attrici, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta’ hlas tas-socjeta’ attrici;

Illi, ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta’ attrici tipprocedi kontra s-socjeta’ konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 et seqq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet illi din il-qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta’ l-artikolu 167 et suquitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef, seba’ mija, disgha u sittin liri maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm8,769.32),

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-Avv. Jotham Scerri Diacono u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’

l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------